żejniehx kemm imissu. Sal-lum għad baqa' min jaħseb li l-Malti ma hemmx għalfejn wieħed iħabbel rasu wisq għalih; issib nies li jħabirku bla tarf biex jitgħallmu bir-reqqa ilsna barranin u mbagħad qajla ssibhom jafu jaqraw bil-Malti. Din ix-xejra ta' ħsieb jeħtieġ tinqered minn fostna l-Maltin. Ikun għajb għalina jekk inbarru dak li hu tagħna fil-waqt li laqqtu dak li hu ta' ħaddieħor.

B'daqshekk ma rridux infissru li aħna għandna nitgħallmu bil-Malti biss; dan qatt ma għaddielna minn rasna. Aħna jidhrilna li aktar ma wieħed jitgħallem ilsna barranin aktar ikun jiswielu; iżda ma jidhrilniex li l-istudju ta' l-ilsna barranin għandu jsir billi jitwarrab dak tagħna.

Għandna nġibu quddiem għajnejna li l-Malti huwa r-rabta waħdanija li tgħaqqad il-Maltin kollha mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tad-dinja; għaldaqshekk biss imissna ngħożżuh kemm ħaqqu, iżda barra dan aħna nafu li l-istudju tal-Malti jiswa mhux ftit biex iġiegħel lill-Maltin jinġibdu aktar bil-ħrara lejn din art twelidhom iqanqal fihom imħabba lejha u jagħmilhom kburin bl-istorja tagħha u bil-ġrajjiet ta' wliedha; f'kelma waħda t-tagħlim tal-Malti jiswa biex iħarreġ ċittadini li jagħmlu ġieħ lil Malta.

Il-palazzi tagħna huma sbieħ u jgħaxxqu, il-knejjes tagħna għeżież u għonja, iżda b'dawna biss ma ningħarfux min-nazzjonijiet l-oħra għax dawn għandhom palazzi u knejjes daqs tagħna. Dak li jagħżilna minn ġnus oħra u jagħmilna nazzjon għalina huwa l-Ilsien Malti; b'dan l-ilsien inqdejna biex sabbarna lil xulxin fit-tbatijiet tal-gwerra, b'dan l-ilsien tlabna 'l Alla waqt l-eħrex attakki mill-ajru, b'dan l-ilsien il-għadu tagħna ried jiġbidna lejh meta kellimna minn fuq it-radju minn Ruma, b'dan l-ilsien il-ħbieb tagħna nqdew meta fl-eqqel



żmenijiet bdew ta' kull ġimgħa jxandrulna aħbarijiet minn Londra. Mela nkunu rġiel u nagħtuh dak li ħaqqu biex b'hekk it-tiġdid ta' Malta ma jkunx fieragħ iżda jseħħ tiġdid tas-sew kif imiss u li jagħmlilna ġieħ.

# IL-QASSIS

*Lil Ħabibi Dun Francis Camilleri,*
*(f'jum l-Ewwel Quddiesa Tiegħu—29/viii/'43)*

Is-sliem għalik. Il-lum b'kelmtek setgħana
dak li l-bieraħ kien sbul u għeneb bnin
sar il-ġisem u d-demm ta' Kristu tagħna
b'seħħ il-għaġeb mitmum mill-qassisin.

Is-sliem għalik. Il-lum, magħżul mis-Sema,
int sfajt ir-Ragħaj it-Twajjeb ta' l-erwieħ:
tħallix fuqhom is-sħab tal-mewt jinġema';
tħallix id-dlam igħajbilhom triq il-ġieħ.

Is-sliem għalik. Il-lum il-poeżija
ta' qalbek trabbi ġwienaħ ġodda u ttir
safja lejn Alla, 'il fuq, 'il fuq mill-bqija,
b'sejħa mħeġġa għall-ħelsien taż-żgħir u r-rsir.

Tħallix tmut fik għanjet tfulitek kmieni:
kun Francis Thompson u t'Assisi t-tieni.

K. Vassallo

21/9/'43